



Brussell, 15 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15126/23

LIMITE

DEVGEN 195
ACP 108
RELEX 1278
NDICI 28
SUSTDEV 138

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Approċċ ta' Tim Ewropa - Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Fil-programm ta' ħidma indikattiv tagħha għall-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u Sħubijiet Internazzjonali (Grupp ta' Ħidma CODEV-PI), il-Presidenza Spanjola ħabbret l-intenzjoni tagħha li tevalwa l-implimentazzjoni tal-Approċċ ta' Tim Ewropa, f'għeluq it-tliet snin u nofs mill-bidu tiegħu f'April 2020.
2. Għaldaqstant, il-Grupp ta' Ħidma CODEV-PI eżamina l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill imħejji mill-Presidenza Spanjola u laħaq qbil fil-livell tal-grupp ta' ħidma fl-14 ta' Novembru 2023.
3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil dwar it-test kif jinsab fl-Anness għal din in-nota u jippreżenta t-test lill-Kunsill għall-approvazzjoni.

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-approċċ ta' Tim Ewropa

1. Il-Kunsill jissottolinja li minn meta ġie stabbilit l-approċċ ta' Tim Ewropa, id-dinja ffaċċat sensiela ta' kriżijiet interkonnessi, inkluż il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll il-konsegwenzi tagħhom li għadhom jinħassu. Dawn il-kriżijiet multipli qed idgħajfu l-kapaċitajiet tal-pajjiżi sħab biex jindirizzaw l-isfidi persistenti tal-faqar, it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, il-kunflitt, l-insigurtà tal-ikel, l-inugwaljanzi li qed jiżdiedu u t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, b'riperkussjonijiet serji għall-migrazzjoni u l-ispostament furzat.
2. L-approċċ ta' Tim Ewropa jżid il-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jaħdmu flimkien mal-pajjiżi sħab biex jindirizzaw dawn l-isfidi u sfidi globali oħra, itaffu l-konsegwenzi tagħhom u jippermettu tranżizzjoni soċjali, ekoloġika u diġitali filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. L-approċċ ta' Tim Ewropa jsaħħaħ ukoll il-koordinazzjoni fir-rabta kawżali tripla bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi (HDP Nexus).
3. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2020 u tat-23 ta' April 2021 u jissottolinja l-punt sa fejn l-approċċ ta' Tim Ewropa kkontribwixxa għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa u l-Ftehim ta' Pariġi permezz tas-sħubijiet internazzjonali tal-UE u tal-Istati Membri, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-Istrateġija Global Gateway, fost politiki oħra. L-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati li jirrispondu b'urġenza għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u l-miri tal-Ftehim ta' Pariġi u li jimpenjaw ruħhom fuq skala akbar lejn il-kisba tagħhom, fid-dawl ta' ostakli u progress ġenerali insuffiċjenti, bl-użu tal-mezzi kollha possibbli, inkluż il-mobilizzazzjoni tal-potenzjal sħiħ tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp.

4. Il-Kunsill jenfasizza li l-approċċ ta' Tim Ewropa juri r-rwol, ir-responsabbiltà u s-solidarjetà globali tal-UE, u jqis li huwa kruċjali li tiġi massimizzata l-effettività tal-iżvilupp, tiġi promossa l-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD) u jiġi implimentat l-approċċ "Naħdmu Aħjar Flimkien". L-approċċ ta' Tim Ewropa huwa wkoll mezz biex isir kontribut għal Arkitettura Finanzjarja Ewropea għall-Iżvilupp aktar koerenti, effiċjenti, effettiva, viżibbli u li tħalli aktar impatt. Flimkien mar-riforma tal-arkitettura finanzjarja globali u l-iżvilupp fuq il-Kunsens Ewropew Ġdid għall-Iżvilupp, it-tweġġiq tal-impenji globali jibqa' pedament tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE u tal-Istrateġija Global Gateway.
5. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-approċċ ta' Tim Ewropa għall-komunikazzjoni strateġika kkoordinata u għall-viżibbiltà tal-azzjonijiet konġunti tal-UE.
6. Il-Kunsill iqis li huwa f'waqtu li jittieħed kont tal-approċċ ta' Tim Ewropa, fil-kuntest tal-evoluzzjoni tal-kooperazzjoni Ewropea għall-iżvilupp. Matul dan il-perjodu, l-UE adottat l-istrument tagħha "ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali" (NDICI-Ewropa Globali) u nediet l-Istrateġija Global Gateway. Il-Kunsill jemmen li hemm lok biex l-approċċ ta' Tim Ewropa jittejjeb u jiġi integrat aktar fl-arkitettura tal-iżvilupp tal-UE. Il-Kunsill jistenna b'interess ir-riżultati tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-NDICI-Ewropa Globali, li ser jipprovdu aktar għarfien importanti dwar kif l-istrument jappoġġa l-azzjoni esterna tal-UE, il-politika tagħha ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u s-sħubijiet internazzjonali tagħha.
7. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-approċċ ta' Tim Ewropa kien utli u pprovda l-flessibbiltà meħtieġa biex isir adattament u jkun hemm rispons għad-domandi imposti mill-pandemija tal-COVID-19, il-kriżi klimatika u sfidi globali oħra. Wera wkoll li huwa ta' benefiċċju fil-promozzjoni ta' azzjonijiet konġunti b'appoġġ għall-oġettivi u l-valuri kondiviżi tal-UE, l-Istati Membri tagħha u l-pajjiżi sħab, billi ifforma koalizzjonijiet b'diversi partijiet ikkonċernati.

8. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Global Gateway immedija fl-2021 ibbenefikat ħafna mill-approċċ ta' Tim Ewropa sabiex jiġu mobilizzati sa EUR 300 biljun f'investimenti sa tmiem il-QFP. Dan tejjeb l-identifikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-komunikazzjoni ta' inizjattivi komprensivi konġunti billi laqqa' flimkien l-għarfien espert tal-UE u tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp u s-settur privat. Filwaqt li jenfasizza l-valuri ewlenin u l-aħjar prattiki tal-UE, l-approċċ ta' Tim Ewropa jintuża bħala l-mod ewlieni ta' twassil għall-Global Gateway.
9. Il-Kunsill huwa determinat li jtejjeb u jintensifika l-implimentazzjoni tal-approċċ ta' Tim Ewropa billi jgħaqqad it-tliet metodi ewlenin tiegħu li jaqgħu taħtu, jiġifieri l-Ipprogrammar Konġunt, l-Implimentazzjoni Konġunta u l-Inizjattivi ta' Tim Ewropa (TEIs), u fejn rilevanti, taħlita tat-tlieta li huma, filwaqt li jibni fuq prattiki tajbin u tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-Ipprogrammar Konġunt u t-TEIs. Il-Kunsill jibqa' impenjat għall-prinċipji tal-approċċ "Naħdmu Aħjar Flimkien" u jenfasizza l-importanza li l-proċess jiġi mmonitorjat u evalwat mill-perspettiva tal-inklużività.
10. L-approċċ ta' Tim Ewropa għandu jservi bħala sett ta' għodod komprensiv li jiġbor flimkien il-modalitajiet u l-istrumenti differenti tal-UE u tal-Istati Membri – filwaqt li jirrispetta l-proċeduri eżistenti tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-kompetenzi istituzzjonali rispettivi tal-partijiet ikkonċernati tal-approċċ ta' Tim Ewropa – sabiex jiġu applikati b'mod adegwat il-prinċipji ewlenin tal-effettività tal-iżvilupp. L-implimentazzjoni tal-approċċ ta' Tim Ewropa għandha tadotta approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u tikkontribwixxi għall-oġġettivi u l-miri kollha stabbiliti mir-Regolament NDICI-Ewropa Globali. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn li sar skont ir-Regolament NDICI-Ewropa Globali biex jiġi żgurat li mill-inqas 85 % tal-azzjonijiet ġodda implimentati jkollhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala oġġettiv prinċipali jew sinifikanti.

11. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' aktar koordinazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati tal-approċċ ta' Tim Ewropa, iggwidata mill-prinċipju "il-politika l-ewwel" matul il-programmazzjoni u l-implimentazzjoni, u mir-rispett lejn l-istrateġiji, il-politiki u l-istrumenti tagħhom. Dan jirrikjedi aktar gwida strateġika mill-Kunsill fir-rigward tal-oġettivi u l-prijoritajiet tal-politika tal-NDICI-Ewropa Globali, biex jissaħħu l-koerenza, il-konsistenza u l-komplementarjetà ma' strumenti u politiki rilevanti oħra tal-UE biex jinkisbu l-valuri u l-interessi tal-UE. Il-Kunsill jappella lill-membri kollha tal-approċċ ta' Tim Ewropa jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-approċċ ta' Tim Ewropa jkun kapaċi jwettaq dan il-kompitu impenjattiv.
12. L-aġġornament tal-gwida "Naħdmu Aħjar Flimkien bħala Tim Ewropa"¹ ser ikun kontribut ewlieni għal dan l-isforz. Il-Kunsill ser ikompli jipprovdi gwida strateġika fir-rigward tad-djalogu politiku, il-governanza, il-metodi ta' ħidma u l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, filwaqt li jżomm proċessi sempliċi.
13. Il-Kunsill, filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' April 2021 dwar Tim Ewropa², jipprovdi l-gwida strateġika li ġejja għall-approċċ ta' Tim Ewropa biex jissaħħu s-sħubijiet, il-koerenza tal-politiki, u fl-aħħar mill-aħħar tissaħħa l-effettività tal-iżvilupp. Il-Kunsill b'dan jappella għal:
- a. L-użu tal-approċċ ta' Tim Ewropa bħala l-għażla ppreferuta kull meta jkun fattibbli għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp u għas-sħubijiet tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, biex b'hekk tkun massimizzata l-effettività u l-koerenza tal-politiki biex jintlaħqu l-SDGs u jiġu implimentati l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa u l-Ftehim ta' Pariġi. Dan l-approċċ għandu jkompli jintuża biex jiġu kombinati l-elementi rilevanti kollha tas-sħubijiet internazzjonali u tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, bl-għan li titrawwem l-inklużività u l-kollaborazzjoni mal-Istati Membri u bejniethom.

¹ [Working Better Together as Team Europe Through joint programming and joint implementation - Tools and Methods Series Guidelines N° 10](#) (Naħdmu Aħjar Flimkien bħala Tim Ewropa permezz tal-ipprogrammar konġunt u l-implimentazzjoni konġunta - Linji Gwida Nru 10 tas-Serje ta' Għodod u Metodi) (Jannar 2021, ISSN 1977-8309)

² ST 7894/2021

- b. It-tisħiħ tal-Ipprogrammar Konġunt fl-elementi differenti tiegħu bħala l-approċċ preferut għall-ipprogrammar tal-pajjiżi, abbażi tal-momentum kollaborattiv u l-paradigma strateġika l-għdida li għabu magħhom it-TEIs u l-Global Gateway. L-Ipprogrammar Konġunt għandu jinżamm volontarju, flessibbli, inklużiv, u adattat għall-kuntest tal-pajjiż sieħeb. L-introduzzjoni mill-għdid tal-immappjar tal-proċessi tal-Ipprogrammar Konġunt ippjanati għandha tikkomplementa d-dokumenti ta' programmar nazzjonali għall-Istati Membri interessati.
- c. L-appoġġ għall-pajjiżi sħab fil-kisba tal-SDGs billi l-proġetti tat-TEIs u tal-Global Gateway jiġu allinjati mal-oġġettivi u l-prijoritajiet tal-pjanijiet u l-istrateġiji nazzjonali għall-iżvilupp tal-pajjiżi sħab. Jappella wkoll għal żieda fis-sjieda lokali, fl-allinjament u fl-armonizzazzjoni fi ħdan approċċ ta' Tim Ewropa, żieda fl-orjentazzjoni lejn ir-riżultati, fl-impatt u fir-responsabbiltà reċiproka permezz ta' djalogu ta' politika mal-pajjiżi sħab dwar il-politiki nazzjonali u reġjonali għall-iżvilupp reġjonali, kif ukoll jappella għal oġġettivi kkoordinati fuq il-post mid-Delegazzjonijiet tal-UE bl-aktar involviment inklużiv possibbli tal-Istati Membri.
- d. Il-promozzjoni ta' valuri demokratiċi u standards għoljin, governanza tajba u trasparenza, u tal-għlied kontra l-korruzzjoni bħala elementi integrali biex jissaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-riżultati konkreti tal-isforzi ta' żvilupp ta' Tim Ewropa fil-pajjiżi sħab.
- e. L-organizzazzjoni ta' djalogi ta' politika ta' livell għoli, missjonijiet ta' Tim Ewropa, impenji politiċi u parteċipazzjoni f'avvenimenti ta' livell għoli u ta' investiment f'pajjiżi sħab u fora multilaterali. Dan għandu l-potenzjal li jsaħħaħ il-komunikazzjoni strateġika u l-viżibbiltà permezz ta' approċċ ta' Tim Ewropa, inkluż fid-dawl tal-għlied kontra l-kampanji ta' diżinformazzjoni. Id-Delegazzjonijiet tal-UE u l-ambaxxati tal-Istati Membri għandhom rwol ewlieni x'jaqdu billi jipproponu inizjattivi u jidentifikaw l-aktar stadji importanti rilevanti għall-missjonijiet ta' Tim Ewropa li għandhom jiġu organizzati u billi jikkoordinaw l-isforzi ta' komunikazzjoni.
- f. Il-promozzjoni tal-UE bħala sieħeb affidabbli u mmotivat mill-valur permezz ta' narrattiva Ewropea konġunta dwar l-iżvilupp globali, billi ssir komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet u r-riżultati ewlenin f'approċċ ta' Tim Ewropa, bl-użu ta' kanali stabbiliti u effettivi biex jintlaħqu udjenzi kemm speċjalizzati kif ukoll mhux speċjalizzati.

- g. L-għoti regolari ta' gwida strateġika mill-Istati Membri permezz tal-korpi rilevanti tal-Kunsill, dwar il-prijoritajiet strateġiċi li għandhom jiġu segwiti taħt l-approċċ ta' Tim Ewropa, b'mod partikolari fl-implimentazzjoni tal-istrument NDICI-Ewropa Globali u l-Istrateġija Global Gateway, filwaqt li jiġi żgurat li t-teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti, il-governanza koerenti u l-implimentazzjoni inklużiva jkunu komponenti ewlenin tal-approċċ ta' Tim Ewropa.
- h. Iż-żieda ulterjuri tal-inklużività u l-effiċjenza tat-TEIs biex isir użu sħiħ mill-għarfien, il-ħiliet, il-kapaċitajiet, l-għarfien espert u r-riżorsi politiċi tal-partiċipanti kollha. Id-delegazzjonijiet tal-UE għandhom jaġixxu bħala koordinaturi fuq il-post għad-djalogu dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-approċċ ta' Tim Ewropa u t-TEIs, f'koordinazzjoni mal-ambaxxati tal-Istati Membri. Id-delegazzjonijiet tal-UE għandhom jiżguraw fluss ta' informazzjoni xieraq u f'waqt u jikkontribwixxu għall-inklużjoni, b'mod partikolari ta' dawk l-Istati Membri mingħajr rappreżentanza fuq il-post. Id-delegazzjonijiet tal-UE għandhom jiffaċilitaw ukoll iż-żjarat konġunti ta' Tim Ewropa f'pajjiżi sħab u l-fora konġunti mal-awtoritajiet tagħhom. B'mod partikolari t-TEIs nazzjonali, reġjonali u globali għandhom iżommu strutturi ta' governanza u ġestjoni effiċjenti u sempliċi sabiex jiffaċilitaw il-partiċipazzjoni tal-atturi ta' Tim Ewropa, filwaqt li jqisu l-prijoritajiet tal-pajjiżi sħab u jiżguraw is-sjieda tagħhom.
- i. Sforzi konġunti ma' atturi oħra f'approċċ ta' diversi partijiet ikkonċernati biex jiġi massimizzat l-impatt tal-iżvilupp. Dawn jinkludu n-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, banek multilaterali u reġjonali tal-iżvilupp, istituzzjonijiet finanzjarji, pajjiżi donaturi oħra, is-soċjetà ċivili, l-NGOs, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-awtoritajiet u l-komunitajiet lokali, is-settur privat u l-istituzzjonijiet tal-għarfien.
- j. Il-promozzjoni tal-involvement tul ir-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi (HDP Nexus) f'kuntesti fraġli u affettwati minn kriżi. L-HDP Nexus huwa l-istandard rikonoxxut internazzjonalment biex jiżdiedu l-effiċjenza, is-sostenibbiltà u l-effettività tal-azzjoni umanitarja, tal-iżvilupp u tal-paċi, inkluż investimenti fuq perjodu qasir u fit-tul kif ukoll azzjonijiet politiċi, diplomatiċi u ta' sigurtà. F'konformità ma' studji reċenti mill-Kummissjoni Ewropea, il-qafas politiku u operazzjonali tal-HDP Nexus għandu jiġi żviluppat aktar.

- k. L-applikazzjoni tal-Qafas ta' Monitoraġġ, Rapportar u Evalwazzjoni tal-Inizjattivi ta' Tim Ewropa (MORE) fl-ippjanar, it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' TEIs ġodda u li għadhom għaddejjin sabiex jiġi vvalutat il-kontribut tagħhom għall-impatt tal-iżvilupp u tiġi pprovduta data dwar ir-riżultati ġenerali tat-TEIs għal skopijiet ta' komunikazzjoni pubblika. Għal dan l-għan, it-TEI Tracker dejjem għandu jinżamm aġġornat. Is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE għandhom jipprovdu lill-Kunsill informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni tal-approċċ ta' Tim Ewropa fuq bażi regolari u jikkonsultaw lill-Istati Membri dwar il-modalitajiet ta' implimentazzjoni tiegħu.
14. Il-Kunsill jibqa' impenjat li jivvaluta regolarment il-progress u l-impatt fl-implimentazzjoni tal-approċċ ta' Tim Ewropa wara dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill.
-